MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 32/2004/1

Carmelo Sciberras, Giljan Sciberras, Grezzja Sciberras, Anthony Sciberras, Joseph Sciberras, Carmen Sciberras, Maria Sammut, Emmanuela Fenech u Rita Borg, ilkoll ahwa Sciberras
vs
L-Avukat Generali, il-Kummissarju ta' l-Artijiet kif ukoll id-Direttur ghat-Tmexxija tal-Proprjeta`

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettew:

1. Ir-rikorrenti kienu s-sidien ta' porzjon ta' art li kienet tinsab gewwa taz-Zwejt, limiti ta' San Gwann [Riferenza ta' l-intimati: L 694/70];

2. Din l-art kienet giet esproprjata mill-Gvern, liema esproprjazzjoni kienet soggetta ghal proceduri gudizzjarji segwenti: Carmelo Sciberras et vs Kummissarju tal-Artijiet [Rikors Numru 10/84P], liema kawza giet deciza fid-9 ta' Ottubru 1996;

3. B'rizultat ta' dawn il-proceduri l-Gvern kien gie kundannat ihallas kumpens adegwat lir-rikorrenti bhala ekwiparazjoni ta' l-esproprjazzjoni. Dan kien baqa' qatt ma sehh wara tmien snin;

4. Ir-rikorrenti kienu wkoll is-sidien ta' proprjeta` li kienet tinsab fit-territorju maghruf bhala ta' Tuffiegh fil-kontrada tal-Mensija fil-limiti ta' San Gwann, liema porzjon ta' art kienet giet akkwistata mill-Gvern permezz ta' Att numru 97 tal-20 ta' Lulju 2000;

5. Ir-rikorrenti qatt ma kienu thallsu kumpens xieraq ghal dan l-akkwist, nonostante d-diversi interpellanzi taghhom;

6. Dan kollu, kemm separatament kif ukoll kumuluttivament, kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Ligi Kostituzzjonali taghna, senjatament tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta];

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u a tenur tar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa biex tizgura t-twettiq favur taghhom tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta] billi, fost affarijiet ohra:

- Tiddikjara li d-decizjonijiet mehuda mill-intimati u l-awtoritajiet governattivi jilledu d-drittijiet tar-rikorrent ghal protezzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom;

- Tiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu kumpens xieraq u adegwat b'rizultat ta' l-esproprjazzjoni u l-akkwist surriferiti;

- Tiddetermina u tillikwida dan il-kumpens;

- Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-kumpens kif likwidat minn din il-Qorti minnufih u minghajr aktar dewmien inutili;

- U tikkumpensa lir-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu rilevanti tal-Konvenzjoni Ewropeja, partikolarment l-Artikolu 50.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi l-Avukat Generali kien gie mharrek inutilment u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kienx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti.

2. Illi in kwantu ghall-punti sollevati fl-ewwel tliet paragrafi tar-rikors in risposta l-intimati kienu rrilevaw li l-Gvern kien qieghed fil-process li jhallas l-ammont aggudikat mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet kif ukoll il-kumpens relattiv ghat-tardivita` fil-pagament li tikkontempla l-ligi.

3. Illi kwantu ghall-art indikata fil-paragrafu numru 4 tar-rikors in risposta l-intimati sostnew li r-rikorrenti kellhom jiccaraw l-allegazzjonijiet taghhom dwar xi pretensjonijiet kellhom jew kien jista' jkollhom dwar l-istess art u dan b'mod partikolari billi jirrizulta li l-istess art kienet giet akkwistata b'att pubbliku mill-Gvern minghand terzi u l-prezz relattiv thallas kollu fuq il-kuntratt. <u>Ghaldaqstant l-intimati kienu rriservaw li jwiegbu din il-lanjanza meta ssir il-kjarifika mehtiega.</u>

4. Illi ma kien hemm xejn fl-agir tal-Gvern f'dan il-kaz li jilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan b'mod

partikolari billi r-rikorrenti kienu se jircievu kumpens kemm ghall-valur tal-art li tirrizulta lilhom esproprjata kif ukoll ghad-dewmien fl-istess pagament.

5. Illi in kwantu kien mitlub li din il-Qorti tillikwida kumpens ghall-esproprjazzjoni hi minflok il-Bord tal-Arbitragg Dwar Artijiet kien gie sottomess li din it-talba tippekka kontra l-principju tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji u wkoll tmur espressament kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi (Kap 88 dwar it-Tehid ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, u l-Artikoli 37 u 47(9) tal-Kostituzzjoni) li tipprovdi mezz ghal-likwidazzjoni ta' tali kumpens fir-rispett ghad-drittijiet Kostituzzjonali u fundamentali tal-partijiet.

6. Illi l-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghalih kien hemm referenza fl-ahhar talba fir-rikors in risposta ma kienx jifforma parti mill-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja jew mil-Ligijiet ta' Malta u ma kienx ghalhekk applikabbli f'din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehdet Margaret Falzon, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet, li qalet li d-dikjarazzjoni tal-President fuq l-art fil-Mensija, San Gwann kienet harget fit-18 ta' Frar 2000. Wara kienu saru proceduri ghall-hlas. Sentejn wara u cioe` fi Frar 2002 kellhom talba minghand l-avukat tas-sidien ghal kumpens. Sena wara saret l-istima u fit-28 ta' Settembru 2004 kien hemm proceduri fil-Qorti u bdew dawn il-proceduri. F'Jannar 2005 id-dipartiment biex ma jkomplix ikabbar il-problema tal-kumpens dovut kien iddepozita l-flus il-bank skond l-emendi tal-Kap 88, u l-art kienet giet akkwistata mill-Gvern. Minn dak il-mument huma kienu nfurmaw lis-sidien biex jaghtuhom it-titolu ta'

l-art biex isir il-hlas halli d-dipartiment ikun jista' jhallas. Sostniet li minn dak iz-zmien 'il hawn it-titolu ma giex mghoddi lilhom. Qalet li l-imghax tad-depozitu jehduh is-sidien li bhalissa ma jistghux jizbankaw dan l-ammont qabel ma jaghmlu l-prova tat-titolu. Il-flus depozitati jkunu jikkonsistu fil-prezz tal-art u danni ta' 5% li jigu kalkolati minn mindu dahal fiha l-Gvern sad-data tad-depozitu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fl-14 ta' Marzu 2005 ir-rikorrenti permezz ta' nota kienu iddikjaraw li rigward l-art gewwa taz-Zwejt ghad irid isir il-hlas komplessiv flimkien ma' l-imghaxijiet pagabbli mid-data li l-ammont kien dovut. Jinghad li l-konsulent legali tal-Kummissarju tal-Art qabel ma' din id-dikjarazzjoni.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet finali tar-rikorrenti li fiha ssemma li f'dan l-istadju r-rikorrenti thallsu ta' l-ewwel porzjon ta' art, u cioe` dika soggetta ghad-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet {Rikors Nru 9/84 P deciza fl-10 ta' Ottubru 1996}. Sostnew ukoll li ghad fadal il-hlas ta' zewg porzjonijiet, u cioe`, ta' LD 187/98 u ta' LD 187A/98, u li s-subcenswalisti ta' dawn il-porzjonijiet ta' art, huma r-rikorrenti. Sal-lum, ghadu pero` ma nstabx favur min kien ic-cens originarjament, u cioe`, ic-censwalist originali.

Irrilevaw li wara s-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2006 illi fiha xehdet l-Assistent Direttur mill-Ministeru ta' l-Artijiet Margaret Falzon, il-partijiet kontendenti ltaqghu fil-21 ta' Gunju 2006 fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere Valletta, fejn kien hemm Dr. Edward Woods kif ukoll l-istess Margaret Falzon qablu li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ghandu jipprovdi l-att ta' trasferiment tat-2 ta' Jannar 1958 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPulis, minn fejn ghandu jirrizulta lil min kien inghata c-cens originarjament. Malli dan isir, il-procedura relattiva ta' prova ta' titolu tkun kompluta, u ghalhekk ir-rikorrenti sostnew li jistghu biss jistennew il-valur stabbilit mill-intimati, u sussegwentement, jekk ma jaqblux ma' dan il-valur, jikkontestawh fit-tribunal kompententi.

Fil-kors tal-kawza irrizulta li gie pubblikat il-kuntratt tal-akkwist fuq il-pozjoni art maghrufa bhala “ta’ Palata” f’taz-Zwejt permezz ta’ kuntratt tas-26 ta’ Ottubru, 2005 ghal prezz ta’ LM 1043.75. Il-kawza relativa kienet giet deciza fid-9 ta’ Ottubru, 1996. Ir-rikorrenti rriferew ghas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta datata 29 t’April 2005 fl-ismijiet **Rosaria Schembri et vs L-Avukat Generali u l-Kummisarju ta’ l-Artijiet**, f’liema sentenza din l-Onorabbli Qorti insenjat, illi fir-rigward tad-dewmien fil-kuntest ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:
“l-obbligu li jagixxu hu mpost mil-ligi fuq l-awtorita` kompetenti u mhux fuq ir-rikorrenti u ghalhekk huma responsabbli ghad-dewmien li kien hemm f’dana l-kaz … Fil-kaz in ezami minhabba dina l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti minhabba dewmien il-Qorti hi tal-fehma li huma ghandhom jigu kompensati b’somma flus u mhux biss bid-dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni.”

Ghalhekk ir-rikorrenti ma talbux merament kumpens xieraq dovut ghall-esproprjazzjoni ***per se*** izda wkoll kumpens xieraq dovut stante d-dewmien sabiex jinghata dan l-istess kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni ***per se***, liema dewmien zgur m’huwiex imputabbli ghar-rikorrenti odjern.

Fis-sentenza tal-Qorti Ewrpeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, tas-26 ta’ Lulju 2005 fl-ismijiet **Scutari vs Moldova** (Applikazzjoni Numru: 20864/03) dik il-Qorti qalet:
“An excessive delay in paying compensation awarded for the nationalisation of property will also engage Article 1 of Protocol 1 since it constitues an interference with the right of peaceful enjoyment of possession. Lack of funds is not a justification for the delay in meeting awards of compensation.”
(Vide: <u>Clare Ovey and Robin C.A White, 2006, Jacobs and White, The European Convention on Human Rights 4th edn., Oxford University Press, p. 370).</u>

Ghalhekk dwar l-ewwel bicca art din hi l-pozizzjoni ta’ din il-Qorti.

Izda l-ilment tar-rikorrenti jirreferixxi wkoll ghal bicca art maghrufa bhala ta’ Tuffiegh fil-kontrada tal-Mensija, limiti ta’ San Gwann liema porzjoni art kienet giet akkwistata mill-Gvern fl-2000. Ir-rikorrenti jsostnu li huma qatt ma thallsu kumpens. Izda l-intimati sostnew li l-art ***de quo*** giet akkwistata b’att pubbliku mill-Gvern minghand terzi. Sal-lum irrizulta li s-subcenswalisti ta’ din l-art huma r-rikorrenti izda ghadu ma nstabx favur min kien ic-cens originarjament u cioe` c-censwalist originali. Ghalhekk irrizulta li l-proceduri ordinarji ghandhom pendenti u ghalhekk din il-Qorti thoss li dwar din il-bicca art ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-artikolu 46 (2) minhabba li sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

L-Avukat Generali eccepixxa li hu kien gie mharrek inutilment u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kienx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti. L-artikolu 181B (1) tal-Kap 12 jghid:
“Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.”

Minn dan johrog car li r-rikors ma kiex messu gie intavolat ukoll kontra l-Avukat Generali ghax ried jigi indirizzat kontra l-intimati l-ohra biss.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghall-motivi fuq imsemmija tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-Gudizzju.

Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati l-ohra dwar l-art taz-Zwejt limiti ta’ San Gwann.

Tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra dwar l-art tat-Tuffiegh fil-kontrada tal-Mensija.

Tiddikjara li d-decizjonijiet mehuda mill-intimati u l-awtoritajiet governattivi dwar l-ewwel bicca art jilledu d-drittijiet tar-rikorrent ghal protezzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom.

Tiddikjara li l-intimati ghadhom ihallsu kumpens minhabba dewmien esagerat wara l-esproprjazzjoni u l-akkwist surriferiti.

Tiddetermina u tillikwida dan il-kumpens fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira LM250.

Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-kumpens likwidat minn din il-Qorti.

Spejjez referibbli ghall-Avukat Generali kontra r-rikorrenti; spejjez l-ohra bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------